**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Gran Via Moinești srl.

*Konvenuti:* Agenția Naționala de Administrare Fiscala (ANAF, Aġenzija Nazzjonali tal-Amministrazzjoni Fiskali) u Administrația Finanțelor Publice București (Amministrazzjoni tal-Finanzi Pubbliċi ta' Bukarest).

**Domandi preliminari**

(1) Ix-xiri, minn kumpannija kummerċjali suġġetta għall-VAT, ta' bini bl-intenzjoni li jitwaqqa' flimkien mal-art fejn hu mibni, sabiex l-imsemmija art titqassam fi plotts, jista' jirrappreżenta attività preparatorja, jiġifieri spiża ta' investiment għall-bini ta' kumpless residenzjali, b'mod li tagħti d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT relatata max-xiri ta' dan il-bini, fid-dawl tal-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1], tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud?

(2) It-twaqqigħ tal-bini intiż għat-twaqqigħ, mixtri flimkien malart li huwa mibni fuqha, sabiex jinbena kumpless residenzjali fuq l-imsemmija art, huwa suġġett għall-aġġustament tal-VAT relatata max-xiri ta' dan il-bini, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 185(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud?

[1] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka**

**(Kawża C-261/11)**

(2011/C 238/09)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, N. Fenger, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tad-Danimarka

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi adotta u żamm fis-seħħ leġiżlazzjoni dwar intaxxar immedjat fuq il-ħruġ ta' trasferimenti ta' assi ta' kumpannija fi Stat Membru ieħor mingħajr intaxxar fuq trasferimenti simili ta' assi fi ħdan it-territorju Daniż, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE.

— tikkundanna lir-Renju tad-Danimarka għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont il-leġiżlazzjoni rilevanti Daniża, it-trasferiment ta' assi ta' kumpannija sabiex jintużaw barra mid-Danimarka huwa kkunsidrat bħala bejgħ u konsegwentement huwa ntaxxat, filwaqt li l-attivitajiet ta' kumpannija ġewwa t-territorju ta' Stat jiġu kkunsidrati li ntemmu meta l-assi effettivament jinbiegħu. Għaldaqstant, minn naħa, kumpannija li tittrasferixxi assi bejn diversi ċentri ta' attività li jinsabu ġewwa d-Danimarka ma hijiex taxxabbli fuq il-valur ta' tali assi marbuta mat-trasferiment. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn l-istess kumpannija tittrasferixxi assi lejn ċentru ta' attività li huwa stabbilit barra mid-Danimarka, hija tiġi ntaxxata fuq il-valur bħallikieku kien sar bejgħ.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, tali differenza fit-trattament tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment li huwa inkompatibbli mal-Artikolu 49 TFUE. Il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li l-Istati Membri jimponu taxxa fuq il-qligħ kapitali akkumulat minn kumpannija meta hija stabbilita fid-Danimarka. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fatti li jwasslu għal obbligi ta' taxxa għandhom ikunu l-istess — b'mod partikolari t-twettiq ta' assi jew kwalunkwe fattur li jirriżulta fl-aġġustament taż-żieda — kemm jekk l-assi inkwistjoni jiġu ttrasferiti barra mit-territorju tad-Danimarka kemm jekk jibqgħu ġewwa d-Danimarka.

Skont il-Kummissjoni ma hemm ebda ġustifikazzjoni għall-irkupru immedjat ta' qligħ kapitali mhux imwettaq meta jsir trasferiment ta' assi mid-Danimarka lejn Stat Membru ieħor, fejn tali ntaxxar ma jeżistix f'sitwazzjonijiet nazzjonali paragunabbli. F'dan il-kuntest, ir-Renju tad-Danimarka jista', pereżempju, jiddetermina l-valur tal-qligħ kapitali mhux imwettaq li fir-rigward tiegħu beħsiebu jħaddan il-ġurisdizzjoni fiskali tiegħu, sakemm dan la jimplika l-ħlas immedjat ta' taxxa u lanqas rekwiżiti oħra relatati mad-differiment tal-ħlas tiegħu.

---

**Appell ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2011 minn Viega GmbH & Co. KG kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 fil-Kawża T-375/06, Viega GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-276/11 P)**

(2011/C 238/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Viega GmbH & Co. KG (rappreżentanti: J. Burrichter, T. Mäger u M. Röhrig, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn tikkawża preġudizzju lill-appellanti,

— tannulla, f'dak li jirrigwarda l-appellanti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180 finali, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi)

— ***sussidjarjament***, tannulla jew tnaqqas il-multa imposta fuq l-appellanti fl-Artikolu 2(j) ta' din id-deċiżjoni,

— ***sussidjarjament***, għat-talbiet fil-paragrafi 1 u 2, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tieħu deċiżjoni,

— tikkundanna lill-konvenuta fl-ewwel istanza għall-ispejjeż kollha relatati mal-kawża.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell huwa dirett kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li tiċħad ir-rikors ippreżentat mill-appellanti kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180 finali, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121- Attrezzaturi).

L-appellanti tibbaża dan l-appell fuq l-aggravji li ġejjin.

Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt għal smigħ tal-appellanti, il-prinċipji li jirregolaw l-amministrazzjoni tal-prova u l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija. Sabiex turi l-parteċipazzjoni tal-appellanti fl-akkordju, is-sentenza appellata hija prinċipalment ibbażata fuq in-noti miktuba ta' xhud wieħed u fuq talba għal klemenza, mingħajr ma ssir ebda referenza għall-argumenti tal-appellanti fir-rigward ta' dawn id-dokumenti. L-appellanti speċifikament qiegħdet fid-dubju l-eżattezza ta' dawn id-dokumenti (ix-xhud ma pparteċipax għal-laqgħat fil-Ġermanja u ma jitkellimx bil-Ġermaniż).

Il-Qorti Ġenerali kellha tordna l-kumpilazzjoni tal-provi dwar l-eżattezza tan-noti tax-xhud u t-talba għal klemenza. Billi użat dawn in-noti u t-talba għal klemenza bħala prova mingħajr ma vverifikat l-eżattezza tagħhom, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji li jirregolaw l-amministrazzjoni tal-prova.

Is-sentenza appellata tikser l-Artikolu 81(1) KE billi l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti kienet ipparteċipat, fit-30 ta' April 1999, f'laqgħa "ta' natura antikompetittiva". Barra minn hekk, is-sentenza appellata tikser ukoll l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1/2003 billi l-parteċipazzjoni f'din il-laqgħa ġiet kkunsidrata fil-kuntest tal-ifissar tal-ammont tal-multa. Fir-rigward ta' din il-laqgħa, il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat li l-provi biss huma "pjuttost" referenza għal natura antikompetittiva milli għal natura konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-Qorti Ġenerali għalhekk kisret il-kriterju ta' evalwazzjoni tal-provi li stabbilixxiet għaliha stess, li jirrikjedi li l-ksur ikun ipprovat b'mod ċert u inekwivoku.

Il-konstatazzjoni tan-natura antikompetittiva tal-laqgħa tat-30 ta' April 1999 teffettwa l-ammont tal-multa imposta. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' din il-laqgħa sservi bħala prova tal-parteċipazzjoni tal-appellanti f'akkordju dwar l-attrezzaturi b'furċella. Id-dħul mill-bejgħ tal-apppellanti fis-settur tal-attrezzaturi b'furċella konsegwentement jiġu stabbiliti, fil-kuntest tal-iffissar tal-ammont bażiku għall-kalkolu tal-multa, ammont 11-il darba ogħla.

F'dak li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ dwar l-attrezzaturi b'furċella, is-sentenza tindika wkoll nuqqas ta' motivazzjoni u tinkludi żbalji ta' motivazzjoni. L-impożizzjoni ta' multa ta' iktar minn EUR 50 miljun fl-aħħar mill-aħħar hija sempliċement ibbażata, fuq il-punt 85 tas-sentenza appellata, fuq żewġ laqgħat li jirreferu għall-attrezzaturi b'furċella f'żewġ nofs sentenzi u kkonstatati rrispettivament minn kull evalwazzjoni tal-provi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tassumi li l-appellanti pparteċipaw f'akkordji antikompetittivi li jirrigwardaw attrezzaturi b'furċella fil-laqgħa tat-30 ta' April 1999, meta tinnota wkoll li l-kompetituri ta' din tal-aħħar kienu ddiskutew sa Ġunju 2000 dwar jekk kienx jaqbel li l-attrezzaturi b'furċella (li fir-rigward tagħhom l-appellanti kellha monopolju) kellhomx ikunu suġġetti għal akkordju.

Fl-aħħar nett, is-sentenza appellata tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-Kummissjoni applikat, bl-approvazzjoni tal-Qorti Ġenerali, il-linji gwida għall-kalkolu tal-multi: l-ewwel nett hija tiffissa ammont bażiku, billi tikkunsidra d-dħul mill-bejgħ ta' attrezzatturi b'furċella minkejja, li skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali nnifisha, l-attrezzaturi b'furċella setgħu biss ġew effettwati minn akkordju antikompetittiv fl-2000 u fl-2001. Imbagħad iżżid bi 90 % l-ammont bażiku sabiex dan jirrifletti t-tul globali tal-allegata parteċipazzjoni fl-akkordju tal-appellanti (disa' snin u tliet xhur). Għalhekk, jekk id-dħul mill-bejgħ dwar l-attrezzaturi b'furċella jkun serva bħala l-bażi għall-perijodu kollu u mhux għall-aħħar perijodu, ta' sena u ta' trimestru, li jkun iktar rilevanti, il-kalkolu tal-ammont tal-multa jkun jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

**Appell ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2011 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fil-Kawża T-233/09, Access Info Europe vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-280/11 P)**

(2011/C 238/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kunsill tal-Unjoni Europea (rappreżentanti: G. Maganza, B. Driessen, Cs. Fekete, aġenti)